# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 109/2000G1(PC)

Margerita xebba Farrugia;
Suor Mansueta fis-seklu Carmela Farrugia;
Eucharistico Camilleri,
John Camilleri,
Maria Rosa Attard,
Reverend Emanuel Camilleri,
Reverend Tarcisio Camilleri,
Simon Camilleri,
Francesca Camilleri,
Gorgina Debono, ilkoll ahwa Camilleri;
l-istess Simon Camilleri kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' ohtu imsiefra Josephine Saliba Gray ;
u l-istess Reverend Tarcisio Camilleri kemm f'ismu proprju kif ukoll f'isem huh imsiefer Carmelo Camilleri ;
l-imsemmi Reverend Tarcisio Camilleri kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsifrin Georgia mart Felic Attard, Joan mart Antonio Muscat, Francesca xebba u Martin ilkoll ahwa Farrugia;
Giorgia mart Saver Muscat,
Reverend Joseph Galea,
Ganni, u
Josephine mart Charles Bondi' ilkoll ahwa Galea;
Andreana xebba, u
Alfreda mart John Grech ahwa Vella; u
Salvinu Vella, Elizabeth xebba Vella,
Sarah xebba Vella, u
Marie Antoinette armla ta' Michael Vella
bhala tutrici ta' binha minuri Peter Vella ilkoll ahwa Vella,

Miriam Vella;
u Frances Attard.

Vs

Gioacchino sive Jack Galea;
Rosanna xebba Galea;
Maria Rosa mart Joseph Axiaq;
Margerita xebba Saliba.

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

1. Illi Nikolina xebba Farrugia ulied il-mejtin Salvu u Marianna nee' Vella, mietet xebba, intestata u improle fit-tnax ta' Gunju elf disa mija tmienja u tmenin (12/6/1988) ;

2. Illi peress illi z-zewg hutha Joseph u Maria Theresa ukoll kienu mietu qabilha, improle, is-successjoni taghha iddevolviet ai termini ta' l-artikolu 815 tal-Kodici Civili fuq l-eqreb qraba kollaterali taghha tkun liema tkun il-linja li fiha jkunu jinsabu dawn il-qraba ;

3. Illi kif jirrizulta mill-arblu tar-razza annessi ma' din ic-citazzjoni, illi inbena mill-atturi fuq l-informazzjoni illi huwa irnexxielhom jigbru, korroborata bic-certifikati ta' stat civili kull fejn dawn kienu disponibbli, lil Nikolina Farrugia wirtuha il-primi kugini taghha illi kienu ghadhom hajjin fid-data ta' meta issuccediet il-mewt taghha, u dawn huma **Salvina armla ta' Saviour Vella; Maria Antonia xebba Farrugia; Margerita xebba Farrugia; Suor Mansueta fis-seklu xebba Farrugia; Joseph Farrugia; (**ilkoll kugini mil-linja paterna taghha), u **Maria Rosa Axiaq, Margerita xebba Saliba, u Georgia mart Michael Scicluna** (ilkoll kugini mil-linja materna taghha), u ghalhekk kull wiehed u wahda minn dawn wirtu ottava parti indiviza mill-assi ereditarji taghha;

5. Illi Maria Antonia Farrugia mietet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu elf disa mija hamsa u disghin (1995) u irregolat is-successjoni taghha b'testment fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru elf disa mija u tmienja u sebghin (1978) illi bis-sahha tieghu innominat eredi universali taghha lil hutha Maria Theresa Camilleri sive Theresa mart Joseph Camilleri, Suor Mansueta, u Joseph fi kwoti ta' kwarta parti kull wiehed u wahda, u bid-dritt tas-sostituzzjoni ta' uliedhom f'kaz ta' premorjenza; u fir-rimanenti kwart indiviz lin-neputijiet taghha ulied ohra Francesca Galea (cjoe' Gioacchino, Gorgia mart Saver Muscat, Josephine mart Charles Bondin, Rev. Giusepp, Rosanna u John) fi kwoti ugwali bejniethom . Stante illi Maria Theresa Camilleri mietet qabel ohtha (ezattament fid-disgha u ghoxrin ta' Gunju elf disa mija u hamsa u tmenin) issuccedew minflokha uliedha l-atturi Eucharist, Maria Rosa, Francesca, Ganni, Josephine, Rev. Emanuel, Giorgia, Rev. Tarcisio, Simon u Carmelo ahwa Camilleri fi kwoti ugwali bejniethom;

6. illi Joseph Farrugia miet fil-hmistax (15) ta' Settembru elf disa mija u sebgha u disghin (1997), u lil dan wirtuh l-erbat uliedu Giorgia Attard, Joan Muscat, Francesca Farrugia u Martin Farrugia, atturi ;

7. Illi Salvina Vella mietet fil-hmistax (15) ta' Jannar elf disa mija tlieta u disghin (1993), u lil din issuccedewha iz-zewg uliedha, atturi, Andreana xebba, u Alfreda mart John Grech, u stante li binha iehor Michael Vella kien miet qabilha fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru elf disa mija u disghin (1990) flok dan issuccedew l-erbat uliedu, Salvinu, Elizabeth, Sarah, u Peter ahwa Vella ugwalment bejniethom;

8. Illi Giorgia Scicluna mietet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta April elf disa mija disgha u disghin (1999) u lil din issuccedewha iz-zewg uliedha Miriam Vella u Frances Attard fi kwoti ugwali bejniethom;

9. Illi ghaldaqstant illum l-assi ereditarji ta' Nikolina Vella jispettaw lill-kontendenti fil-kwoti li gejjin:

| Persuna | Kwalita' | Sehem Percentwali | |
|---|---|---|---|
| Margerita Farrugia | Attrici | 1/8 (0.125) | |
| Suor Mansueta Farrugia Maria Antonia) | Attrici | 1/8; u ¼ ta' 1/8 (wirt minghand | 0.15625 |
| Giorgia Attard | Áttrici | ¼ ta'(1/8 u ¼ ta' 1/8) | 0.0390625 |
| Joan Muscat | Attrici | ¼ ta' (1/8 u ¼ ta' 1/8) | 0.0390625 |
| Francesca Farrugia | Attrici | ¼ ta' (1/8 u ¼ ta' 1/8) | 0.0390625 |
| Martin Farrugia | Attur | ¼ ta' (1/8 u ¼ ta' 1/8) | 0.0390625 |
| Eucharist Camilleri | Attur | 1/10 ta' ¼ ta' 1/8 | 0.003125 |
| Maria Rosa Attard | Attrici | | 0.003125 |
| Francesca Camilleri | Attrici | | 0.003125 |
| John Camilleri | Attur | | 0.003125 |
| Josephine Saliba Gray | Attrici | | 0.003125 |
| Giorgia Debono | Attrici | | 0.003125 |
| Rev. Emanuel Camilleri | Attur | | 0.003125 |
| Rev. Tarcisio Camilleri | Attur | | 0.003125 |
| Simon Camilleri | Attur | | 0.003125 |
| Carmelo Camilleri | Attur | | 0.003125 |
| Gorgina Muscat | Attrici | 1/6 ta' ¼ ta' 1/8 | 0.0052083 |
| Rev. Joseph Galea | Attur | | 0.0052083 |
| John Galea | Attur | | 0.0052083 |
| Josephine Bondi' | Attrici | | 0.0052083 |
| Gioacchino Galea | Konvenut | | 0.0052083 |
| Rosanna Galea | Konvenuta | | 0.0052083 |
| Andreana Vella | Attrici | 1/3 ta' 1/8 | 0.0416667 |
| Alfreda Grech | Attrici | 1/3 ta' 1/8 | 0.0416667 |
| Salvinu Vella | Attur | ¼ ta' 1/3 ta' 1/8 | 0.0104167 |
| Elizabeth Vella | Attrici | | 0.0104167 |
| Sarah Vella | Attrici | | 0.0104167 |
| Peter Vella | Attur | | 0.0104167 |
| Maria Rosa Axiaq | Konvenuta | 1/8 | 0.125 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Margerita Saliba | Konvenuta | 1/8 | 0.125 |
| Miriam Vella | Attrici | ½ ta' 1/8 | 0.0625 |
| Frances Attard | Áttrici | ½ ta' 1/8 | 0.0625 |
| Total | | | 1 |

10. Illi safejn jaf l-esponenti, l-assi ta' Nikolina Farrugia huma dawk elenkati fid-denunzja taghha ;

11. Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni hawn fuq imsemmija; u lill-esponenti jirrizultalu illi l-assi in divizjoni ma humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti ;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhix din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi s-successjoni ta' Nikolina Farrugia, bint il-mejtin Salvu u Marianna nee' Vella, illi mietet fit-tnax (12) ta' Gunju, elf disa' mija tmienja u tmenin (1998) giet aperta favur il-kontendenti fil-kwoti elenkati aktar 'il quddiem f'din ic-citazzjoni, jew fi kwoti verjuri illi jistghu talvolta jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza :

2. Tillikwida l-beni gia formanti l-assi ta' l-imsemmija Nikolina Farrugia billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

3. Peress illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-assi beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad .

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti illi ghaliha minn issa huma ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Eucharist Camilleri .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gioacchino sive Jack Galea u Rosanna xebba Galea li eccepew :

1. Illi huma qatt ma opponew ghal likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi ereditarji ta' Nikolina Farrugia u fil-fatt huma qatt ma gew interpellati ghall-istess fini ;

2. Illi pero' qabel ma ssir l-istess likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi ereditarji tal-mejta Nikolina Farrugia, hemm bzonn fl-ewwel lok li jigi verifikat il-konsistenza tal-assi u fit-tieni lok li jigu verifikati sewwa l-kwoti in divizjoni, b'mod specjali ghall-kwota ereditarja spettanti lis-Suor Mansueta fis-seklu Carmela Farrugia u dana peress

peress illi l-eccipjenti jsostnu li f'dan il-kaz japplika l-artikolu 611 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Jack Galea .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra Maria Rosa mart Joseph Axiaq u Margerita xebba Saliba li eccepew illi :

1. Illi huma ma joggezzjonawx ghad-divizjoni mitluba purche' fl-ewwel lok isiru l-verifiki tal-kwoti rispettivi tal-kontendenti u jigu stabbiliti x'inhuma l-assi in divizjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Angiolina Axiak f'isem Margerita Saliba .

Rat l-atti tar-Rikors Numru 78/1997 ta' l-avukat dottor Michael Grech nomine f'isem uhud mill-eredi tad-decujus, pprezentat quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Volontarja taghha, in konnessjoni ma' l-istess eredita' .

Rat ukoll l-atti tar-Rikorsi numri 86/1988, 88/1988 u 74/1999 ta' Gioacchino sive Jack Galea, wiehed mill-eredi u relatati ukoll minn din l-eredita' .

Rat il-verbal taghha tal-25 ta' Mejju 2001 fejn innominat lill-avukat Dottor Grazio Mercieca bhala amministratur tal-beni tad-decujus .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi tal-mejta Nikolina xebba Farrugia, li mietet intestata minghajr ma halliet dixxendenti . L-atturi jikkontendu illi l-partijiet f'din il-kawza, bhala familjari tad-decujus, huma kollha werrieta taghha fil-kwoti ndikati minnhom fil-premessi tac-citazzjoni u specifikati ahjar fil-paragrafu disgha (9) tad-dikjarazzjoni tal-fatti taghhom .

Hadd mill-konvenuti ma kkontesta dawn il-kwoti, hlief illi kien hemm xi dubbju jekk l-attrici Suor Mansweta Farrugia kienitx hadet il-voti tal-poverta' . Mid-depozizzjoni taghha tas-17 ta' Lulju 2001(a fol. 243-4 tal-process), jirrizulta pero' illi Suor Mansweta ma kienitx hadet il-voti solenni u ghalhekk il-proprejta' taghha, inkluz dak li gej lilha b'wirt kien u ghadu taghha u hija libera li tiddisponi minnu kif trid . M'hemm l-ebda

dubbju ghalhekk dwar id-dritt ta' l-istess attrici li tiret ukoll sehma mill-assi tad-decujus bhall-kontendenti l-ohra kollha .

L-assi li kellha d-decujus huma dawk li jirrizultaw mill-atti tar-Rikors Numru 78/1997 hawn fuq indikat . Mill-lista tal-beni ta' Nikolina Farrugia esebita fl-atti ta' dak ir-Rikors (Dok. E), jirrizulta illi din kellha s-segwenti assi :

A. Beni Immobbli :

(i) id-dar bin-numri tnejn u erbghin (42) u tlieta u erbghin (43) fi Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, b'mandra annessa ta' 420 m.k. ;

(ii) bicca art maghrufa bhala "tas-Sqaq ta' Minku", bil-kejl ta' cirka 280 metri kwadri, tmiss mit-tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' Maria Rosa Grima, punent ma' beni ta' Francesco Buttigieg u lvant ma' beni ta' Coronato Attard ;

(iii) bicca art maghrufa "ta' Wara l-Bejt" bil-kejl ta' cirka 560 metri kwadri li tmiss tramuntana u lvant ma' beni ta' Margaret Grima u mill-punent ma' passagg .

Dawn il-beni gew deskritti f'aktar dettal u valutati mill-A.I.C. Joseph P. Dimech li kien gie nominat fl-atti ta' l-istess Rikors ghal dan il-fini, u gew minnu stmati hekk (a fol. 28-29 tar-Rikors) :

(i) il-fond fi Triq il-Kbira, Sannat : sitta u ghoxrin elf u seba' mitt lira maltija (Lm26,700) ;

(ii) ir-raba "ta' Sqaq ta' Minka", limiti Sannat : erba' mija u ghoxrin lira maltija (Lm420) ;

(iii) ir-raba "ta' Wara l-Bejt", limiti Sannat : elf u tmien liri maltin (Lm1008) .

Permezz tal-verbal tad-9 ta' Frar 2001 (a fol. 201), il-partijiet qablu illi apparti dawn il-fondi, d-decujus kellha kwota ndiviza minn xi beni ohra li baqghu qatt ma gew denunzjati u lanqas ghadhom gew individwati . Ghalhekk d-drittijiet taghhom fuq din il-kwota kellhom jibqghu mpregudikati . Qablu wkoll illi ghall-finijiet ta' l-istejjem ta' dawn il-fondi, kellhom jigu adottati dawk maghmula mill-A.I.C. Joseph Dimech kif indikat fl-atti tar-Rikors Numru 78/1997 .

Huwa evidenti, kif sostnew l-atturi fic-citazzjoni, illi dawn il-fondi mhumiex komodament divizzibli bejn daqstant werrieta u ghalhekk m'hemm l-ebda triq ohra hlief illi l-istess fondi jingiebu ghall-bejgh in subbasta, sabiex imbaghad ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi spettanti lilhom .

B. Beni Mobbli :

Dawn jikkonsistu fl-oggetti li d-decujus kellha fid-dar residenzjali taghha u jinsabu deskritti fl-istima maghmula mill-espert nominat mill-Qorti Volontarja fl-atti ta' dak ir-Rikors (a fol. 30) . L-istess oggetti regghu gew deskritti mill-amministratur Dottor Mercieca meta kien gie awtorizat jilqa' offerti minghand il-partijiet f'din il-kawza ghall-bejgh taghhom (Dok. GM-01 a fol. 224-6) . Billi kif jirrizulta mill-verbal taghha tal-31 ta' Ottubru 2001, dawn l-offerti ma lahqux prezz gust ghall-eredita', l-Qorti permezz ta' verbal li sar *seduta stante* fid-9 ta' Novembru 2001, awtorizzat lill-istess amministratur sabiex fis-17 ta' Novembru 2001 fil-prezenza ta' l-espert ta' l-ghamara Michael Zammit, jilqa' offerti fir-residenza tad-decujus stess f'Sannat ghall-bejgh ta' l-oggetti kollha li kien hemm fl-istess dar . Dawn l-oggetti kellhom imorru ghand l-ghola offerent, bir-rikavat jinzamm f'idejn l-amministratur pendenti l-ezitu ta' din il-kawza .

Ghalkemm saru xi allegazzjonijiet dwar deheb u hagar prezzjuz li seta' kellha d-decujus fid-dar residenzjali taghha, ma ngiebu ebda provi dwar dan .

C. Depoziti bankarji :

Mill-atti tar-Rikors indikat, jirrizulta li d-decujus kellha s-segwenti depoziti :

(i) kont Savings nru. 714093460 mal-Mid-Med Bank Ltd. fl-ammont ta' mija u tmien liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm108.78) ;

(ii) Fixed deposit account nru. L275 016 mal-Mid-Med Bank Ltd. fis-somma ta' elf mija hamsa u tletin lira maltija (Lm1135) ;

(iii) Special repatriation deposit Nru. 1191/A mal-Mid-med Bank Ltd. fis-somma ta' elf mitejn u tmenin lira maltija (Lm1280) ;

(iv) Fixed deposit account nru.1220 533 mal-Mid-Med Bank Ltd. fis-somma ta' elf u sittin lira maltija (lm1060) ;

(v) Fixed Deposit account nru. 247 050 906 mal-Bank of Valletta fis-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400) ;

(vi) Fixed deposit account nru. 247 033 386 mal-Bank of Valletta Ltd. fis-somma ta' tmien mitt lira maltija (Lm800) ;

(vii) Fixed Deposit account nru. 247 119 353 mal-Bank of Valletta Ltd. fis-somma ta' elf u sitt mitt lira maltija (Lm1600) ; u

(viii) 31/2 War Loan amministrat mill-Bank of Valletta Limited fis-somma ta' hames mitt lira sterlina (GBP500) . Il-kont Nru. 247119353 li nghata numru gdid 12406551015 fil-Bank of Valletta fl-ammont ta' Lm1600, intuza mill-kuratur Jack Galea, sabiex isiru l-pagamenti li huwa

gie awtorizzat jaghmel fl-atti tar- Rikorsi minnu pprezentati fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, fosthom dwar tiswijiet urgenti li kellhom isiru fid-dar residenzjali tad-decujus (ara atti ta' l-istess Rikorsi) . B'hekk wara li l-ktieb relattiv (Dok. J.G. 1 a fol. 207) gie minnu ritornat fl-atti tal-kawza prezenti, jirrizulta illi f'dan il-kont kien ghad baqa' bilanc ta' tmien mija erba' u ghoxrin lira u disa' centezmi (Lm824.09) .

Ghaldaqstant il-qasma tal-beni kollha provvenjenti lill-kontendenti mill-eredita' tal-mejta Nikolina Farrugia, u peress illi ma rrizultax li kien hemm xi diffikultajiet ulterjuri dwar il-konsistenza ta' l-assi u l-mod kif kellhom jigu divizi, trid issir bil-mod segwenti :

(a) ghar-rigward tal-beni mmobbli, dawn ghandhom jingiebu in subbasta sabiex ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, jigi spartit bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom ;

(b) ghar-rigward ta' l-oggetti ta' ghamara u affarijiet ohra li kienu jinsabu fid-dar residenzjali tad-decujus, billi dawn gia inbieghu fil-mori tal-kawza, u r-rikavat jinsab f'idejn l-amministratur dottor Mercieca, dan ukoll, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni mwettqa mill-istess dottor Mercieca, ghandu jigi spartit bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi; u

(c) ghar-rigward tad-depoziti bankarji, in vista tan-numru kbir tal-kontendenti, dawn ghandhom jigu zbankati mill-amministratur dottor Mercieca, li qed jigi awtorizzat jiehu pussess tal-kotba kollha tal-Bank relattivi, sabiex ir-rikavat imbaghad jitqassam bejn l-istess kontendenti skond il-kwoti taghhom, u dana wara li jitnaqqsu ukoll l-ispejjez involuti fid-diversi Rikorsi pendenti quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Volontarja taghha u li ghalihom saret referenza f'din il-kawza .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi :

1. tiddikjara illi s-successjoni ta' Nikolina Farrugia, indikata fic-Citazzzjoni, giet aperta favur il-kontendenti kollha fil-kwoti indikati fil-paragrafu disgha (9) tad-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi ;

2. tillikwida l-beni formanti l-assi ta' l-imsemmija Nikolina Farrugia billi tiddikjara li jikkonsistu fil-beni ndikati fil-paragrafi: "A", "B" u "C" aktar 'l fuq f'din is-sentenza ;

3. billi l-fondi immobbli mhumiex komodament divizibbli bejn daqstant partijiet, tordna l-bejgh in licitazzjoni taghhom, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estraneji, sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi spettanti lilhom kif jirrizulta mill-paragrafu disgha (9) tad-dikjarazjoni tal-fatti ta' l-atturi annessa ma' din ic-citazzjoni; il-kwota tad-decujus minn xi proprjeta' ohra li ghadha ma gietx identifikata tibqa' impregudikata u indiviza bejn il-kontendenti ;

4. ir-rikavat mill-bejgh ta' l-oggetti li kien hemm fir-residenza tad-decujus, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, ghandu jigi spartit bejn il-kontendenti skond il-kwoti ndikati; u l-istess

5. ir-rikavat mid-depoziti bankarji appartenenti lid-decujus, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, ghandu jigi spartit ukoll bejn il-kontendenti kollha skond il-kwoti rispettivi .

L-ispejjez, billi din hija kawza ghad-divizjoini ta' assi ereditarji, ghandhom jigu ssoportati bejn il-kontendenti kollha, kulhadd skond sehmu.

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S10900G1(Pc)
2565